MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Numru 858/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Roland Cassar**
v

**JEFFREY SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEFFREY SPITERI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin missier mhux maghruf u Rita nee Borg, imwieled Pieta` nhar it-tnejn ta Ottubru 1982 u residenti 75, Triq il-Marsa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` numru 054182M gie imressaq quddiemha akkuzat;
1. Talli fit-tletin ta' Settembru 2004 ikkommetta r-reat ta' serq minn gewwa kamra fl-iskola ta' Maria Regina fil-Hamrun liema serq huwa ggravat bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin

u cioe s-somma ta' mija tnejn u sittin lira maltin ghad-dannu ta' Elizabeth Lourdes Marianai;

2. Talli fis-sebgha ta' Ottubru 2004, ikkommetta serq minn go kamra fl-iskola tal-Marsa go ghalqa liema serq huwa aggravat bil-valur ta' inqas minn mitt lira maltin u dan ghad-dannu ta' Giovanna Zammit;

3. Talli kien fil-pussess ta' arma bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Talli jinsab recidiv bsentenza li saret definittiva moghtija nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi fil-hatra ta' esperti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sebgha ta' Ottubru 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha ta’ Ottubru, 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat ukoll dak li gie iverbalizzat fis-sebgha ta’ Ottubru, 2004 u cioe` li l-avukat difensur talab sabiex jigi

nominat ufficjal tal-Probation biex ihejji Pre-sentencing report dwar l-imputat u inoltre giet infurmata illi l-imputat ghandu problemi psikjatrici u ghalhekk ghaddiet biex innominat lill-psikjatra Dottor Joseph Cassar sabiex jezamina lill-imputat u jirrelata dwar l-istat mentali tieghu.

Illi fis-seduta tat-tmienja ta' Novembru, 2004 xehed il-psikjatra Dottor Joseph Cassar u nforma l-Qorti illi l-imputat ibghati minn "gender identity disorder" u fil-fatt ibghati minhabba f'hekk minn "paraphelia" b'mod specifiku b'mod ta' "exhibitionism". Ghandu problema ukoll ta' abbuz ta' droga partikolarment minn "opium" u "cocaine abuse" u fil-fehema tieghu dak li ghamel l-imputat probabbilment ghamlu minhabba l-vizzju mishut tad-droga li hu ghandu. Fil-fehema tieghu l-imputat ghandu jibbenifika minn programm ta' riabilitazzjoni li ghandu jinkludi servizz ta' psikologu. Dan l-espert ikompli jghid illi jekk l-imputat jinzamm f'sezzjoni maskili gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, dan il-fatt jikkrejalu hsara u anke hsara lil terzi u ghalhekk ikkonkluda li ghandu jinzamm f'post appartat ghalih f'kaz li din il-Qorti ssibu hati.

Illi l-Probation Officer Trevor Calafato xehed fit-23 ta' Novembru, 2004 u esebixxa l-Pre Sentencing Report tieghu. Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta illi hemm nuqqas ta' element ta' kontroll fil-hajja tal-imputat anke mill-aspett familjari. Fil-fehema tieghu l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija li tigi abbinata ma element riabilitattiv u noltre li ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga li ghandu.

Semghet lill-imputat jixhed fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2004 u ghal darb'ohra b'mod volontarju jikkonferma l-htija tieghu f'dan il-kaz.

Rat l-fedina penali tal-imputat esebita f'dawn l-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat diga` kiser dufrejh mal-Qorti f'zewg okkazjonijiet meta inghata zewg sentenzi sospizi meta nstab hati fuq reat ta' tlajjar ghall-skop ta' prostituzzjoni u serq. Il-Qorti tinnota illi l-imputat ikkommetta dawn ir-reati fl-operat ta' sentenza sospiza

pero’ dan nonostante huwa ma giex akkuzat b’dan. Il-Qorti pero’ tiehu konsiderazzjoni dan il-fatt ai fini tar-recidiva ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tinnota illi l-imputat ghandu diversi problemi socjali u ghalhekk thoss illi ghandu jigi appuntat ufficjal tal-Probation sabiex jghin lill-imputat jzomm il-boghod mill-kriminalita` u jaghtih l-assistenza kollha mehtiega sabiex jindirizza l-problemi tieghu.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 261 (c), 267, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 13 (1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat JEFFREY SPITERI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi billi tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi. Il-Qorti tordna illi kundizzjoni ewlenija ta’ din il-Probation Order hija li l-imputat ghandu jaghti kampjuni tal-awrina tieghu sabiex jigu analizzati ghall-presenza tad-droga u ghandu jobdi d-direttivi kollha li jigu mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi appuntat ufficjal tal-Probation ideali ghal dan il-kandidat stante s-sensittivita` tal-kaz.**

**Il-Qorti oltre dan tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes koncernati man-nomina tal-psikjatra Dottor Joseph Cassar fl-ammont ta’ LM 71.50 liema flejjes ghandhom jingabru mill-imputat fiz-zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mid-Direttur tal-Qorti.**

**Dwar it-talba tal-avukat difensur sabiex issir referenza Kostituzzjonali a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti thoss li ghandha tastjeni milli taghti provvediment f’dan il-kaz f’dan l-istadju stante n-natura tal-piena inflitta f’dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti ai termini tal-artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza flimkien mal-atti kollha ta' din il-kawza jintbghatu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------